



Brussell, 14 ta' Marzu 2024  
(OR. en)

7812/24

VISA 40  
COMIX 145

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	14 ta' Marzu 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 128 final
Suġġett:	RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL dwar id-delega tas-setgħa biex jiġu adottati atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2024) 128 final.

Mehmuż: COM(2024) 128 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 14.3.2024  
COM(2024) 128 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL**

**dwar id-delega tas-setgħa biex jiġu adottati atti delegati mogħtija lill-Kummissjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi)**

## **1. SFOND LEGALI**

L-Artikolu 51a tal-Kodiċi dwar il-Viżi<sup>1</sup> jagħti lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti delegati biex tirrevedi l-ammont tat-tariffi tal-viża għal perjodu ta' ġumes snin mill-1 ta' Awwissu 2019. Disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ġumes snin, il-Kummissjoni hija meħtieġa thejjji rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa.

### **Valutazzjoni tal-ħtieġa li jiġu riveduti t-tariffi tal-viża**

F'konformità mal-Artikolu 16(9) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, il-Kummissjoni hija meħtieġa li twettaq valutazzjoni tal-ħtieġa li jiġu riveduti t-tariffi tal-viża abbażi ta' kriterji oġġettivi bħall-inflazzjoni fl-Unjoni kollha u s-salarji tal-impiegati taċ-ċivil tal-Istati Membri. Ir-rapport jinkludi wkoll din il-valutazzjoni. Fejn xieraq, il-valutazzjoni għandha tkun akkumpanjata minn att delegat li jaġġusta t-tariffi tal-viża, f'konformità mal-Artikolu 51a tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

Peress li l-Kummissjoni għandha l-kompli li twettaq din il-valutazzjoni kull tliet snin u d-dispożizzjoni saret applikabbi għall-ewwel darba fit-2 ta' Frar 2020, il-valutazzjoni twettqet għall-ewwel darba abbażi tad-data tal-2023.

### **Tariffi attwali u Ftehimiet għall-Faċilitazzjoni tal-Viża**

Attwalment, it-tariffa għal applikazzjoni għal viża għal soġġorn qasir hija ta' EUR 80<sup>2</sup> għall-adulti (li għandhom aktar minn 12-il sena), u ta' EUR 40 għall-applikanti bejn l-età ta' 6 snin u 12-il sena. It-tariffi tal-viża għall-applikanti iż-ġejja huma rinunzjati. Barra minn hekk, l-applikazzjoni tal-viżi tista' tiġi esternalizzata lil fornituri esterni tas-servizzi, li jiistgħu jitkolha tariffa għas-servizz ta' mhux aktar minn nofs it-tariffa standard tal-viża (attwalment, EUR 40).

F'każ li l-Kunsill jadotta Deċiżjoni ta' Implementazzjoni skont l-Artikolu 25a(5), il-punt (b), minħabba l-kooperazzjoni insuffiċjenti ta' pajiż terz dwar ir-riammissjoni, tiġi imposta tariffa tal-viża ta' EUR 120 jew EUR 160 lill-applikanti li għandhom 12-il sena jew aktar.

Barra minn hekk, l-UE ffirmat ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viża ma' diversi pajjiżi terzi, li erbgħha minnhom bħalissa għad-dan fis-seħħ:

- L-Armenja<sup>3</sup>: it-tariffa tal-viża tnaqqset għal EUR 35 għall-applikanti adulti u hija rrinunzjata għall-applikanti taħt l-età ta' 12-il sena.
- L-Ażerbajġan<sup>4</sup>: it-tariffa tal-viża tnaqqset għal EUR 35 għall-applikanti adulti u hija rrinunzjata għall-applikanti taħt l-età ta' 12-il sena.
- Il-Belarussja<sup>5</sup>: it-tariffa tal-viża tnaqqset għal EUR 35 għall-applikanti adulti u hija

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1,  
ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/810/2020-02-02>.

<sup>2</sup> Żdiedet minn EUR 60 fl-aħħar reviżjoni tal-Kodiċi dwar il-Viżi fl-2020.

<sup>3</sup> ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2013/628/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2013/628/oj).

<sup>4</sup> ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2014/242/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2014/242/oj).

<sup>5</sup> ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2020/752/oj](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2020/752/oj).

rrinunzjata għall-applikanti taħt l-età ta' 12-il sena. (*Hija parżjalment sospiża għall-membri tal-Gvern Belarussu jew ta' delegazzjonijiet uffiċjali.*)<sup>6</sup>

- Cabo Verde<sup>7</sup>: it-tariffa tal-viża tnaqqset għal 75 % tat-tariffa standard għal ċittadini ta' pajjiżi li ma għandhomx ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża (jiġifieri, bħalissa hija EUR 60), u hija rrinunzjata għall-applikanti taħt l-età ta' 12-il sena.

Kwalunkwe żieda fit-tariffa tal-viża permezz ta' att delegat mhux se tapplika għall-applikanti mill-Armenja, l-Ażerbajġan jew il-Belarussja, peress li l-ftehimiet rispettivi għall-faċilitazzjoni tal-viża jispeċifikaw it-tariffi tal-viża, u mhumiex affettwati minn att delegat. Madankollu, peress li l-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża ma' Cabo Verde jipprevedi perċentwal tat-tariffa standard tal-viża minflok ammont fiss, din se tinbidel għaċ-ċittadini ta' Cabo Verde.

Ġew iffirmati ftehimiet oħra għall-faċilitazzjoni tal-viża mal-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina, il-Georgia, il-Moldova, il-Montenegro, il-Maċedonja ta' Fuq, is-Serbja u l-Ukrajna. Madankollu, peress li dawn il-pajjiżi tmexxew għall-Anness II tar-Regolament 2018/1806<sup>8</sup> dwar il-Viżi, iċ-ċittadini tagħhom ma għadhomx meħtieġa li japplikaw għall-viżi, u għalhekk il-ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viża fil-biċċa l-kbira tagħhom ma għadhomx aktar rilevanti fil-prattika<sup>9</sup>.

Il-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża ffírmat mal-Federazzjoni Russa ġie sospiż wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.<sup>10</sup>

## 2. KALKOLU TAT-TARIFFA TAL-VIŻA RIVEDUTA

F'konformità mal-Artikolu 16(9) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, il-Kummissjoni Ewropea għandha tivvaluta t-tariffi tal-viża kull tliet snin, filwaqt li tqis kriterji oġġettivi bħall-inflazzjoni fl-Unjoni kollha u s-salarji tal-impiegati taċ-ċivil tal-Istati Membri tal-UE.

Il-mekkaniżmu ta' reviżjoni tat-tariffi huwa maħsub biex ikopri ż-żidiet fl-ispejjeż tal-Istati Membri fl-ipproċessar tal-applikazzjonijiet tal-viża madwar id-dinja. Minbarra l-ispejjeż tal-personal, il-proprietà immoblli, it-tagħmir u s-servizzi, speċjalment fil-qasam tal-IT, huma l-komponenti ewlenin tal-kostijiet. Iż-żidiet fil-kostijiet tal-personal huma koperti mis-salarji tal-impiegati taċ-ċivil nazzjonali, filwaqt li l-inflazzjoni madwar l-Unjoni kollha hija maħsuba biex tirrifletti ż-żidiet fil-kostijiet fil-komponenti l-oħra.

Filwaqt li huwa possibbli għall-Kummissjoni li tuża indikaturi addizzjonal meta tikkalkula r-reviżjoni tat-tariffi, din l-għażla twarrbet fi stadju bikri. Pereżempju, ġie kkunsidrat jekk komponent tal-inflazzjoni speċifiku għall-post għandux jiżdied mal-

<sup>6</sup> ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2021/1940/oj>.

<sup>7</sup> ELI: [http://data.europa.eu/eli/agree\\_internation/2013/521/2021-10-19](http://data.europa.eu/eli/agree_internation/2013/521/2021-10-19).

<sup>8</sup> Ir-Regolament (UE) 2018/1806 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 li jelenka l-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom għandhom ikollhom viża fil-pussess tagħhom meta jaqsmu l-fruntieri esterni u dawk li ċ-ċittadini tagħhom huma eżenti minn dik il-ħtieġa, ĠU L 303, 28.11.2018, p. 39–58, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1806/2023-05-15>.

<sup>9</sup> Madankollu, fejn iċ-ċittadini ta' dawn il-pajjiżi jeħtieġ li japplikaw għal viża għal soġġorn qasir, pereżempju minħabba li jkollhom passaporti mhux bijometriċi li ma jikkwalifikaw għall-ivjaggär mingħajr viża, il-ftehimiet għall-faċilitazzjoni tal-viża għadhom japplikaw. Il-ftehimiet jipprevedu tariffa tal-viża ta' EUR 35 għall-applikanti aduli, li ma tkunx affettwata minn żieda fit-tariffa tal-viża.

<sup>10</sup> ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2022/1500/oj>.

kalkolu, peress li l-biċċa l-kbira tal-ipproċessar tal-viżi jseħħ barra mill-Unjoni Ewropea. Għalhekk, il-kostijiet għall-Istati Membri mhumiex biss affettwati mill-inflazzjoni fl-UE, iżda b'mod differenzjat mill-inflazzjoni f'kull post konsulari tal-Istati Membri. Madankollu, iż-żieda ta' komponent ta' inflazzjoni spċificu għall-post kienet tkun teħtieġ *data* għal mijiet ta' bliest madwar id-dinja, u kienet se tqajjem il-kwistjoni tad-determinazzjoni ta' ponderazzjonijiet xierqa spċifici għall-post. Peress li l-Istati Membri għandhom networks konsulari ta' daqsijiet u firxa ġeografika differenti ħafna, kieku dan kien jintroduċi wkoll żbilanċi potenzjali fit-trattament tal-Istati Membri.

B'rīzultat ta' dan, il-Kummissjoni ddeċidiet li tillimita l-kalkolu għaż-żewġ indikaturi spċificament imsemmija fil-Kodiċi dwar il-Viżi, jiġifieri l-inflazzjoni fl-Unjoni kollha u l-medja ponderata tas-salarji tal-impiegati taċ-ċivil tal-Istati Membri.

## 2.1. L-inflazzjoni

Kif previst fil-Kodiċi dwar il-Viżi, tintuża r-rata tal-inflazzjoni madwar l-Unjoni kollha ppubblikata mill-Eurostat, jiġifieri l-indiċi armonizzat tal-prezzijiet għall-konsumatur (HICP)<sup>11</sup>. Ir-rata annwali tal-inflazzjoni hija kkalkulata kif ġej:

$$Rata\ tal-inflazzjoni = \frac{(sena\ tal-indiċi\ N + 1) - (sena\ tal-indiċi\ N)}{sena\ tal-indiċi\ N}$$

Abbażi tal-kalkolu ta' hawn fuq, tista' tiġi kkalkulata d-data li ġejja:

	2020-2021	2021-2022	2022-2023
Ġunju Sena N	106,31	108,65	119,03
Ġunju Sena N+1	108,65	119,03	126,69
Rata ta' inflazzjoni annwali	2,2 %	9,6 %	6,4 %

## 2.2. Indikatur tal-kapaċità tal-akkwist tal-impiegati taċ-ċivil tal-Istati Membri

Il-medja ponderata tal-kapaċità tal-akkwist tas-salarji tal-impiegati taċ-ċivil tal-Istati Membri ġiet ikkalkulata permezz ta' (kalkolu dettaljat fl-Anness):

- a) Il-multiplikazzjoni tal-evoluzzjoni tar-rimunerazzjoni netta reali f'kull Stat Membru bejn is-sena N u N+1 (=l-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist) bil-piż ta' kull Stat Membru fil-PDG totali tal-UE. Il-PDG, espress f'paritajiet tal-kapaċità tal-akkwist, peress li s-sehem tat-total tal-PDG tal-UE jintuża bħala l-fattur ta' ponderazzjoni. L-indikatur tar-remunerazzjoni netta reali għal kull Stat Membru kif ukoll il-piżżejjiet tal-PDG korrispondenti huma ppubblikati mill-Eurostat kull sena f'Ottubru u jkopru s-sena preċedenti sa Lulju<sup>12</sup>.

<sup>11</sup> [https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser//product/view/PRC\\_HICP\\_MIDX](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser//product/view/PRC_HICP_MIDX).

<sup>12</sup> Ir-rapporti tal-Eurostat dwar l-aġġornamenti annwali tal-2021, l-2022 u l-2023 tar-rimunerazzjoni u l-pensjonijiet tal-uffiċjali tal-UE, disponibbli fuq <https://ec.europa.eu/eurostat/web/civil-servants-remuneration/publications>. Il-bażi tad-data hija disponibbli fuq il-Eurobase fuq [https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/prc\\_rem\\_cs/default/table](https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/prc_rem_cs/default/table).

- b) L-indikatur tas-salarji totali għall-UE kollha huwa kkalkulat bħala s-somma tal-indikatur ponderat għall-PDG ta' kull Stat Membru.

### 2.3. Indikatur tal-Aġġustament tat-Tariffi tal-Viża

**Indikatur** ġenerali li jirrapreżenta l-evoluzzjoni taż-żewġ fatturi ġie kkalkulat għal kull perjodu annwali. Dan l-indikatur huwa kkalkulat bl-istess mod bħall-aġġornament annwali tas-salarji tal-impiegati taċ-ċivil tal-UE, li jgħaqqa indikatur tal-inflazzjoni ma' indikatur għall-evoluzzjoni tal-kapaċità tal-akkwist tal-impiegati taċ-ċivil nazzjonali<sup>13</sup>:

$$\text{Indikatur tal-Aġġustament tat-Tariffa tal-Viża} = \frac{(100 + \text{rata tal-inflazzjoni}) * (100 + \text{indikatur tal-kapaċità tal-akkwist})}{100} - 100$$

Abbażi ta' dan, l-aġġustament tat-tariffa tal-viża li ġej jista' jiġi kkalkulat:

	Rata tal-inflazzjoni	Indikatur tal-kapaċità tal-akkwist tas-salarji	Indikatur tal-aġġustament tat-tariffa tal-viża	Tariffa tal-viża aġġustata (EUR)
Bidu				80,00
2020-2021	2,2 %	0,2 %	2,4 %	81,92
2021-2022	9,6 %	-4,6 %	4,6 %	85,69
2022-2023	6,4 %	-1,7 %	4,6 %	89,63

(Tariffi f'EUR)	Tariffa tal-viża mnaqqsa għat-tfal	Tariffa tal-viża skont il-ftehim għall-faċilitazzjoni tal-viża għaċ-ċittadini ta' Cabo Verde	Żieda fit-tariffa tal-viża minħabba d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (1)	Żieda fit-tariffa tal-viża minħabba d-Deċiżjoni ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (2)
Bidu	40,00	60,00	120,00	160,00
2020-2021	40,96	61,44	122,88	163,84
2021-2022	42,84	64,26	128,53	171,38
2022-2023	44,81	67,22	134,44	179,26

Is-sena tal-“bidu” hija stabilita bħala l-2020, peress li din hija s-sena li fiha l-mekkaniżmu attwali għar-reviżjoni tat-tariffa tal-viża beda japplika.

### 3. VALUTAZZJONI U IMPATT

Il-kalkolu tar-reviżjoni tat-tariffi jirriżulta f'żieda fit-tariffa minn EUR 80 għal EUR 90 għall-adulti, EUR 40 għal EUR 45 għat-tfal, u EUR 120 għal EUR 135 jew EUR 160 għal EUR 180 fejn il-Kunsill adotta Deċiżjoni ta' Implementazzjoni skont l-Artikolu 25a(5), il-punt (b) għal kooperazzjoni insuffiċjenti dwar ir-riammissjoni. It-tariffa għaċ-ċittadini ta' Cabo Verde skont il-ftehim korrispondenti għall-faċilitazzjoni tal-viża kieku tiżdied minn EUR 60 għal EUR 67,50. It-tariffa massima għas-servizz mitluba mill-fornituri esterni tas-

<sup>13</sup> Ara l-Manwal tal-Metodoloġija tal-Eurostat, id-dokument Doc A6465/14/26 rev4, b'mod partikolari l-eżempju ta' kalkolu annotat fl-Appendiċi Tnejn,  
[https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/prc\\_rem\\_esms\\_an3.7z](https://ec.europa.eu/eurostat/cache/metadata/prc_rem_esms_an3.7z).

servizzi tiżdied minn EUR 40 għal EUR 45. Dan huwa ekwivalenti għal żieda fit-tariffa ta' 12,5 % b'mod ġenerali fi tliet snin.

Abbażi tal-kalkoli interni, żieda fit-tariffa tal-viża ta' 12,5 % twassal għal introju addizzjonali previst ta' madwar EUR 71 miljun għall-Istati Membri kollha.<sup>14</sup>

Il-Kummissjoni qieset jekk huwiex xieraq li tadotta att delegat li jemenda t-tariffi tal-viża billi teżamina t-tariffi imposti minn ġuriż-dizzjonijiet mhux tal-UE għas-servizzi tal-viża. Meta mqabbel ma' dak ta' ħafna pajiżi kbar oħra ta' destinazzjoni, il-prezz ta' viża ta' Schengen għadu relativament baxx. Pereżempju, l-Istati Uniti reċentement għollew it-tariffi tal-viża tagħhom minn USD 160 għal USD 185, jiġifieri żieda ta' 15 % fit-tariffa għall-viża.<sup>15</sup>

Pajjiż	Tariffa fil-munita nazzjonali	Tariffi approssimattivi f'EUR
USA	185 (USD)	172
UK	115 – 771, skont it-tul tal-validità (GBP)	135 – 900
Il-Kanada	100 + 85 tariffa tal-bijometrija (CAD)	130
L-Australja	190 (AUD)	117
New Zealand	211, eskluża l-imposta tat-turiżmu (NZD)	120
Il-Ġappun	3000 għal dħul wieħed 6000 għal dħul multiplu (JPY)	19 38

Minħabba l-ambjent inflazzjonarju ta' dawn l-aħħar snin u ż-żidiet fl-ispejjeż li l-Istati Membri kellhom jassorbu, il-Kummissjoni tqis li ż-żidiet ikkalkulati fit-tariffi għandhom jiġu mgħoddija lill-applikanti għal viża. Għalhekk adottat att delegat b'mod parallel ma' dan ir-rapport biex tagħti effett lit-tariffi l-għodda tal-viża.

Żieda tat-tariffa tal-viża bi 12,5 % se twassal għal żieda prevista ta' kważi 12,5 % fid-dħul mill-viża għall-Istati Membri.

Dan l-introju addizzjonali għandu jintuża, skont il-Premessa 7 tar-Regolament 2019/1155<sup>16</sup>, biex isiru disponibbli biżżejjed riżorsi, inkluż persunal, biex jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet għall-viża filwaqt li tīgi rrispettata l-iskadenza ta' 15-il jum stabbilita mill-Artikolu 23 tal-Kodiċi dwar il-Viżi u l-proċedura aċċellerata prevista skont id-Direttiva 2004/38/KE għall-membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE<sup>17</sup>. Jenħtieġ li jintuża

<sup>14</sup> Dan jirrapreżenta żieda ta' madwar 12,3 %. Dan minħabba l-fatt li t-tariffa tal-viża għall-applikanti koperti mill-Ftehimiet għall-Faċilitazzjoni tal-Viża mal-Armenja, l-Ażərbajġjan u l-Belarussja mhux se tīgi affettwata miż-żieda fit-tariffa tal-viża. Barra minn hekk, xi applikanti se jibqgħu eżentati mill-jħallsu tariffa tal-viża.

<sup>15</sup> Mis-17 ta' Ġunju 2023. <https://travel.state.gov/content/travel/en/News/visas-news/niv-fee-increases-to-take-effect-june-17-2023.html>.

<sup>16</sup> ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1155/oj>.

<sup>17</sup> L-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri (ĠU L 158, 30.4.2004, p. 77, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2004/38/2011-06-16>): "L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw lil dawn il-persuni kull faċilità biex jiksbu l-visas neċċessarji. Dawn il-visas għandhom jinħarġu b'xejn kemm jista' jkun malajr u skont il-proċedura aċċelerata".

wkoll biex jgħin jiġura li l-appuntamenti għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni għal viża jkunu jistgħu jingħataw fi żmien ġimägħtejn, kif meħtieġ mill-Artikolu 9 tal-Kodiċi dwar il-Viżi.

Il-prenotazzjoni ta' appuntament biex tapplika għal viża ta' Schengen hija diffiċli f'ħafna pajjiżi terzi peress li l-applikanti spiss jistgħu jibbukkjaw appuntamenti biss f'data li taqbeż l-iskadenza ta' ġimägħtejn preskritta mill-Kodiċi dwar il-Viżi<sup>18</sup>. Dan jista' jipprevveni wkoll l-lill-membri tal-familja ta' ċittadini tal-UE milli jibbenefikaw mill-proċedura aċċellerata preskritta skont id-Direttiva 2004/38/KE. Is-sitwazzjoni attwali għandha impatt negattiv fuq l-immaġni tal-UE f'pajjiżi barranin u fuq ir-relazzjonijiet tagħha ma' xi wħud mis-sħab tagħha, u għalhekk jeħtieġ li tīġi indirizzata.

L-impatt ekonomiku minħabba bidla fit-tariffa tal-viża ġie kkunsidrat, peress li ċ-ċittadini li jingħataw viża u jivvjaġġaw lejn iż-żona Schengen għal kwalunkwe skop iġibū kapital ekonomiku magħhom u jikkontribwixxu għall-ekonomiji lokali. Żieda minima ta' 12,5 % jew EUR 10 mhijiex meqjusa bħala deterrent probabbli għall-applikanti għal viża, meta jitqies il-kost komparattivament oħla tat-trasport għall-ivvjaġġar lejn iż-żona Schengen jew l-akkomodazzjoni matul il-vjaġġ. L-istess konklużjoni ntlaħqet fl-2018, qabel l-aħħar żieda fit-tariffa tal-viża.<sup>19</sup> Għalhekk, mhux mistenni ebda impatt ekonomiku negattiv, u l-Kummissjoni ma tistenna l-ebda impatt sostanzjali fuq l-għadd ta' applikanti għal viża, b'mod partikolari għat-turiżmu jew in-negozju.

#### 4. RAPPORT DWAR ID-DELEGA TAS-SETGĦAT

Peress li d-delega tas-setgħa ngħata tħalli l-Kummissjoni fl-2019, din hija l-ewwel darba li l-Kummissjoni qed tagħmel użu minnha u tadotta att delegat li jirrevedi t-tariffi tal-viża. Il-Kummissjoni setgħet teżerċita d-delega tas-setgħat kif maħsuba mill-koleġiżlaturi mingħajr problemi, u llimitat lilha nnifisha għall-indikaturi oġġettivi elenkti b'mod espliċi fil-Kodiċi dwar il-Viżi (inflazzjoni fl-Unjoni kollha u medja ponderata tas-salarji tal-impiegati taċ-ċivil tal-Istati Membri). Id-data meħtieġa kienet disponibbli mill-Eurostat fil-ħin u ppermettiet lill-Kummissjoni tivvaluta l-adegwatezza tar-reviżjoni tat-tariffa tal-viża. Il-Kummissjoni għamlet użu mis-setgħa delegata biex tistabbilixxi t-tariffi l-għoddha tal-viża f'konformità mar-riżultati tal-kalkoli.

Il-Kummissjoni ma tara l-ebda ostaklu għall-estensjoni taċi ta' tad-delega tas-setgħat, kif previst fl-Artikolu 51a(2) tal-Kodiċi dwar il-Viżi, li jista' jfisser li l-Kummissjoni se terġa' tivvaluta l-ħtieġa li jiġi rivedut l-ammont tat-tariffi tal-viża bejn l-2026-27.

#### 5. KONKLUŻJONI

Abbażi tal-metodoloġija u l-valutazzjoni ta' hawn fuq, il-Kummissjoni flimkien ma' dan ir-rapport tadotta att delegat li jżid it-tariffi tal-viża b' 12,5 %, li jfisser li l-adulti minn issa 'l quddiem iħallsu tariffa ta' EUR 90.

<sup>18</sup> L-Artikolu 9.2 tal-Kodiċi dwar il-Viżi: "L-applikanti jistgħu jkunu meħtieġa jiksbu appuntament għall-preżentazzjoni ta' applikazzjoni. Il-ħatra għandha, bħala regola, isseħħi fi żmien ġimägħtejn mid-data meta ntalbet il-ħatra."

<sup>19</sup> Ara l-punt 8.1 tal-Valutazzjoni tal-Impatt:  
<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=celex%3A52018SC0077>.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni tieħu din l-opportunità biex tfakkar lill-Istati Membri fil-Premessa 7 tar-Regolament 2019/1155 kif ukoll fl-Artikolu 9 tal-Kodiċi dwar il-Viżi kif emendat u tistieden lill-Istati Membri biex jużaw l-introjtu l-ġdid iġġenerat biex jgħin ħalli jiżdiedu r-riżorsi – inkluż il-persunal – biex jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-ipproċessar tal-viżi fil-konsulati u jitnaqqus l-perjodi ta' stennija għall-applikanti, filwaqt li jiġu eliminati sitwazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità mal-iskadenzi spċificati fil-Kodiċi dwar il-Viżi u mal-proċedura aċċellerata preskritta għall-membri tal-familja taċ-ċittadini tal-UE skont id-Direttiva 2004/38/KE.

Dan ir-rapport jissodisfa wkoll ir-rekwiżit ta' rapportar skont l-Artikolu 51a(2) tal-Kodiċi dwar il-Viżi. Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill biex jieħdu nota ta' dan ir-rapport.

## Anness - Kalkolu tal-indikatur tas-salarju (kapaċità tal-akkwist)

**2020-21**

Stat Membru	Indikatur tar-remunerazzjoni netta reali	Piż tal-PDG skont l- istandardi tal-kapaċità tal- akkwist (EU27=100)	Effett fuq it-total
BE	-2,3 %	3,0 %	-0,1 %
BG	10,4 %	0,8 %	0,1 %
CZ	6,2 %	2,2 %	0,1 %
DK	-0,4 %	1,8 %	0,0 %
DE	0,1 %	22,6 %	0,0 %
EE	12,5 %	0,3 %	0,0 %
IE	0,3 %	2,4 %	0,0 %
EL	-0,6 %	1,5 %	0,0 %
ES	-0,5 %	9,1 %	0,0 %
FR	-0,8 %	15,7 %	-0,1 %
HR	2,3 %	0,6 %	0,0 %
IT	-1,3 %	12,5 %	-0,2 %
CY	-0,7 %	0,2 %	0,0 %
LV	0,8 %	0,3 %	0,0 %
LT	0,7 %	0,5 %	0,0 %
LU	-3,3 %	0,4 %	0,0 %
HU	1,7 %	1,6 %	0,0 %
MT	5,0 %	0,1 %	0,0 %
NL	0,2 %	5,2 %	0,0 %
AT	-0,9 %	2,5 %	0,0 %
PL	3,8 %	6,5 %	0,2 %
PT	1,2 %	1,8 %	0,0 %
RO	-1,9 %	3,1 %	-0,1 %
SI	-1,1 %	0,4 %	0,0 %
SK	6,2 %	0,9 %	0,1 %
FI	0,6 %	1,4 %	0,0 %
SE	0,0 %	2,8 %	0,0 %

*Indikatur totali għall-2020-21: 0,2 %*

Stat Membru	Indikatur tar-remunerazzjoni netta reali	Piż tal-PDG skont l- istandardi tal-kapaċità tal- akkwist (EU27=100)	Effett fuq it-total
BE	-3,3 %	3,2 %	-0,1 %
BG	-9,6 %	0,8 %	-0,1 %
CZ	-11,3 %	2,2 %	-0,2 %
DK	-6,6 %	1,7 %	-0,1 %
DE	-5,5 %	22,2 %	-1,2 %
EE	-18,4 %	0,3 %	-0,1 %
IE	-0,9 %	2,5 %	0,0 %
EL	-10,4 %	1,5 %	-0,2 %
ES	-8,1 %	8,9 %	-0,7 %
FR	0,2 %	15,8 %	0,0 %
HR	-8,1 %	0,6 %	0,0 %
IT	1,0 %	12,6 %	0,1 %
CY	-5,9 %	0,2 %	0,0 %
LV	-9,8 %	0,3 %	0,0 %
LT	-10,7 %	0,6 %	-0,1 %
LU	-5,3 %	0,4 %	0,0 %
HU	-9,5 %	1,6 %	-0,2 %
MT	-3,3 %	0,1 %	0,0 %
NL	-4,3 %	5,2 %	-0,2 %
AT	-5,9 %	2,4 %	-0,1 %
PL	-10,9 %	6,6 %	-0,7 %
PT	-6,1 %	1,7 %	-0,1 %
RO	-8,1 %	3,1 %	-0,3 %
SI	-7,4 %	0,4 %	0,0 %
SK	-6,5 %	0,8 %	-0,1 %
FI	-5,5 %	1,4 %	-0,1 %
SE	-4,3 %	2,9 %	-0,1 %

*Indikatur totali għall-2021-22: -4,6 %*

**2022-23**

Stat Membru	Indikatur tar-remunerazzjoni netta reali	Piż tal-PDG skont l- istandardi tal-kapaċità tal- akkwist (EU27=100)	Effett fuq it-total
BE	6,1 %	3,1 %	0,0 %
BG	0,1 %	0,9 %	0,0 %
CZ	-8,5 %	2,2 %	-0,2 %
DK	-0,1 %	1,8 %	0,0 %
DE	-3,0 %	21,9 %	-0,7 %
EE	-2,6 %	0,3 %	0,0 %
IE	2,8 %	2,7 %	0,1 %
EL	-1,3 %	1,6 %	0,0 %
ES	2,2 %	9,1 %	0,2 %
FR	-2,0 %	15,5 %	-0,3 %
HR	4,2 %	0,6 %	0,0 %
IT	-5,3 %	12,8 %	-0,7 %
CY	4,1 %	0,2 %	0,0 %
LV	11,5 %	0,3 %	0,0 %
LT	-4,6 %	0,6 %	0,0 %
LU	2,9 %	0,4 %	0,0 %
HU	-8,7 %	1,7 %	-0,1 %
MT	-2,4 %	0,1 %	0,0 %
NL	0,2 %	5,2 %	0,0 %
AT	0,5 %	2,5 %	0,0 %
PL	-1,4 %	6,7 %	-0,1 %
PT	2,2 %	1,8 %	0,0 %
RO	-0,6 %	3,3 %	0,0 %
SI	3,4 %	0,4 %	0,0 %
SK	0,0 %	0,8 %	0,0 %
FI	-0,9 %	1,4 %	0,0 %
SE	-4,6 %	2,8 %	-0,1 %

*Indikatur totali għall-2022-23: -1,7 %*